



L-ewwel regoli għall-UE kollha biex titjeb iċ-ċibersigurtà: ftehim mal-PE

Fis-7 ta' Diċembru 2015, il-presidenza Lussemburġiża tal-Kunsill laqgħet ftehim informali mal-Parlament Ewropew dwar regoli komuni li jsaħħu s-**sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni** (NIS) fl-UE.

Id-direttiva l-ġdida ser tistabbilixxi obbligi ta' ċibersigurtà għall-**operaturi ta' servizzi essenzjali u fornituri ta' servizzi diġitali**. Dawn l-operaturi ser ikollhom jieħdu miżuri biex jimmaniġġjaw riskji ċibernetiċi u jirrapportaw inċidenti serji ta' sigurtà, iżda ż-żewġ kategoriji ser ikunu soġġetti għal sistemi differenti.

Il-Prim Ministru u Ministru għall-Komunikazzjoni u l-Media tal-Lussemburgu u President tal-Kunsill, Xavier Bettel, qal: "Dan hu pass importanti lejn approċċ aktar koordinat għaċ-ċibersigurtà fl-Ewropa. L-atturi kollha, pubbliċi u privati, ser ikollhom iżidu l-isforzi tagħhom, b'mod partikolari b'żieda fil-kooperazzjoni bejn l-istati membri u tisħiħ tar-rekwiżiti ta' sigurtà għall-operaturi tal-infrastruttura u s-servizzi diġitali".

Regoli msaħħa għall-operaturi essenzjali

Id-direttiva telenka għadd ta' **setturi kritiċi** li fihom huma attivi operaturi ta' servizzi essenzjali, bħall-enerġija, it-trasport, il-finanzi u s-saħħa. F'dawn is-setturi, l-istati membri ser jidentifikaw l-operaturi li jipprovdu servizzi essenzjali, abbażi ta' kriterji ċari stipulati fid-direttiva. Ir-rekwiżiti u s-superviżjoni ser ikunu aktar stretti għal dawn l-operaturi milli għall-fornituri ta' servizzi diġitali. Dan jirrifletti l-livell ta' riskju li kull qtugħ fis-servizzi tagħhom jista' jikkaġuna lis-soċjetà u lill-ekonomija.

Sistema aktar uniformi għall-fornituri ta' servizzi diġitali

Is-servizzi diġitali li ġejjin ser ikunu koperti mid-direttiva: **pjaġtaformi ta' kummerċ elettroniku, magni tat-tiftix u servizzi cloud**.

Fornituri ta' servizzi diġitali huma tipikament attivi f'bosta stati membri. Biex ikun żgurat li dawn jiġu ttrattati bl-istess mod madwar l-UE, ir-regoli ser japplikaw għall-operaturi kollha li jipprovdu dawn is-servizzi, ħliel għall-kumpaniji ż-żgħir.

Strutturi f'livell tal-UE u nazzjonali li jilqgħu għal theddidiet ċibernetiċi

Kull pajjiż tal-UE ser ikun obligat jaħtar awtorità nazzjonali waħda jew iktar u jfassal strateġija li tittratta kwistjonijiet ċibernetiċi.

L-istati membri ser isaħħu wkoll il-kooperazzjoni tagħhom dwar iċ-ċibersigurtà. Ser jinħoloq grupp ta' kooperazzjoni fil-livell tal-UE biex jappoġġa l-kooperazzjoni strateġika u l-iskambju tal-aħjar prattiki fost l-istati membri. Ser jitwaqqaf netwerk ta' skwadri ta' rispons għal inċidenti relatati mas-sigurtà tal-kompjuters (CSIRTs) biex jippromwovi l-kooperazzjoni operattiva. It-tnejn li huma mistennija jgħinu fl-iżvilupp ta' aktar kunfidenza u fiduċja bejn l-istati membri.

Skadenzi

L-istati membri ser ikollhom 21xhar mid-dħul fis-seħħ tad-direttiva biex jadottaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali meħtieġa. Wara dan il-perjodu, ser ikollhom 6 xhur oħra biex jidentifikaw l-operaturi tagħhom tas-servizzi essenzjali.

Kif ser issir liġi?

Għall-Kunsill, il-ftehim għad irid jiġi kkonfermat mill-istati membri. Il-presidenza ser tippreżenta t-test miftiehem għall-approvazzjoni mill-ambaxxaturi tal-istati membri fil-Komitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Coreper) fit-18 ta' Diċembru. Biex il-proċedura tkun kompluta, tinħtieġ l-adozzjoni formali kemm mill-Kunsill kif ukoll mill-Parlament.

- [Strateġija dwar is-sigurtà ċibernetika tal-UE](#)

